MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2013

Appell Kriminali Numru. 202/2012

**Il-Pulizija
(Spt. Therese Sciberras)
Vs
Alan Borg**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 295691 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli
B'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda fl-2009 u fis-snin ta' qabel gewwa l-Gzejjer Maltin f'hinijiet differenti ikkommetta serq ta' hwejjeg ta' valur aktar minn 2330 Euros ghad-detriment ta' terzi persuni liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-persuna.
U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, approprja tuhu billi dawwar bi profit ghalih haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat liema haga giet fdata jew ikkunsinnjata lilu

minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' April, 2012, li biha wara li rat l-artikoli 18, 261 (c)(d), 267, 268(d), 279(a), 280(1), 281(a), 293, 294, 310(1)(b)(c), 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal perjodu ta' sena prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dana l-perjodu ta' prigunerija gie sospiz ghal zmien erba` snin.

Il-Qorti wissiet lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat matul il-perjodu operattiv ta' dina s-sentenza.

Finalment, wara li rat l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lill-appellant ihallas lill-parti leza Alexander Attard ghan-nom ta' Leaf Limited is-somma ta' tnax-il elf u hames mitt Ewro (€12,500) u dana fi zmien sitt xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-30 ta' April, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-appellant instab hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tirrevokaha fejn l-appellant gie ordnat ihallas l-ammont ta' €12,500 f'perjodu ta' sitt xhur mid-data tas-sentenza u minflok tirriduci dan l-ammont ghall-wiehed idoneju u tordna illi l-istess ammont ghandu jithallas ratejalment f'pagamenti zghar kull xahar.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti illi fl-umli fehma tal-appellant, il-piena kienet wahda eccessiva u mhux idoneja, u dan stante illi l-Ewwel Qorti naqset milli

tikkonsidera l-fatt illi l-imputat qua appellant huwa persuna disokkupata, u imponiet il-hlas ta’ ammont illi jmur ferm oltre l-ammont illi l-appellant ha mill-parti leza, u di piu ordnat il-hlas tal-ammont kollu f’perjodu qasir ta’ sitt xhur.

Ikkonsidrat

Dan l-appell huwa limitat għall-ammont li l-appellant kien ordnat iħallas mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali skont l-artikolu 28H tal-Kap 9.

Mir-rikors promotorju jidher li l-appellant mhux f’qagħda li jħallas dan l-ammont fiż-żmien mogħti mil-Liġi kif ukoll li huwa fil-fatt kien ħa anqas mill-ammont indikat.

Fit-trattazzjoni tiegħu l-abbli Prosekutur issottometta li skont l-artikolu 28I tal-Kap 9 ;

‘*ma jitħalla jsir ebda appell fuq xi waħda minn dawn il-ħwejjeġ:*

*(a) it-tul tal-perjodu operattiv stabbilit bis-saħħa tal-artikolu 28A(1);*

*(b) kull tibdil fil-perjodu operattiv magħmul bis-saħħa tal-artikolu 28B (2)(b);*

*(ċ) kull direttiva nkluża bis-saħħa tal-artikolu 28H sabiex issir restituzzjoni jew jitħallas kumpens, it-tul taż-żmien stabbilit sabiex issir dik ir-restituzzjoni jew jitħallas dak il-kumpens bis-saħħa tas-subartikolu (2), jew id-deċiżjoni dwar l-ammont ta’ kumpens li għandu jitħallas bis-saħħa tas-subartikolu (3) ta’ dak l-artikolu;’*

Fir-rikors promotorju, l-appellant jgħid li kien ammetta l-akkużi kollha (ara fol 297 kif ukoll fol 292 f’dik il-parti tas-sentenza fejn hemm indikat li l-appellant kien ammetta l-akkużi magħmula kontra tiegħu).

Fil-bqija jissottometti li s-sentenza kienet waħda eċċessiva għaliex

'l-appellant huwa persuna disokkupata u imponiet il-ħlas ferm oltre illi l-appellant ħa mill-parti leża, u ordnat il-ħlas kollu fi żmien sitt xhur.'

Iżda sentenza m'għandhiex titqies bħala eċċessiva għax persuna qed taħdem jew le. Il-pieni qatt ma jingħataw skont il-mezzi finanzjarji ta' dak li jkun iżda fuq il-provi li jkun hemm fil-proċess u fuq l-ammissjonijiet li jsiru ta' tali provi. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad din il-parti tal-aggravju.

Dwar jekk l-appellant kellux jagħti dik is-somma jew le, dan kien eżerċizzju li jmissu sar quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Mill-bqija, kif l-Avukat Ġenerali ssottometta korrettement, mhux possibbli li jsir appell dwar dan minħabba dak li jiddisponi is-subinċiż (3) tal-artikolu 28I tal-Kap 9.

L-istess qed jingħad dwar iż-żmien li fih għandha titħallas is-somma indikata mill-Qorti tal-Maġistrati. L-artikolu 28H (2) jiddisponi kif ġej:

'(2) F'kull każ li fih il-qorti tinkludi direttiva bħal dik fl-ordni tagħha bis-saħħa tal-artikolu 28A(1), hija għandha, f'dik id-direttiva, tistabilixxi ż-żmien, li ma jkunx aktar minn sitt xhur mid-data tad-direttiva, li fih ir-restituzzjoni jew il-ħlas tal-kumpens speċifikat fid-direttiva għandu jsir mill-ħati.'

Għalhekk, meta l-Qorti tal-Maġistrati tat lill-appellant sitt xhur biex iħallas l-ammont dovut, hija kienet qed tagħti l-massimu permess mil-Liġi.

U lanqas dwar dan il-perjodu ma jista' jsir appell.

Isegwi li din il-Qorti qed tiċħad din il-parti tal-aggravju wkoll.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet mogħtija aktar 'il fuq, il-Qorti qed tiċħad l-appell u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija

mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet premessi fit-18 t’April, 2012.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------